MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 1160/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**VS**
**CARMEL GRIXTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Grixti ta' 48 sena, bin Emanuel u Carmela nee' Aquilina, mwieled Pieta' fit- 12 ta' Frar 1964, residenti 14, Redemptor, Triq l- Egrett Isfar, Luqa u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 116464M;

Talli fix- xahar ta' Awwissu 2011 u fix- xhur ta' qabel, gewwa l- Mtarfa, b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk

fi zminjiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) gab ruhu b' mod li ta fastidju lil Moira Gauci, Abigail Azzopardi, Charmaine Schembri u Phylis Philips;
2) gab ruhu b' mod li kien jaf jew kien missu jaf lid an huwa ta' fastidju ghal dik il- persuna cioe Moira Gauci, Abigail Azzopardi, Charmaine Schembri u Phylis Philips;
3) ta fastidju sesswali lill- istess Moira Gauci, Abigail Azzopardi, Charmaine Schembri u Phylis Philips, billi ssoggettahom ghal xi forma t' imgieba jew talba bil- fomm, mhux bil- fomm jew fizika mhux mixtieqa ta' natura sesswali, meta dik l- imgieba bl- iskop jew kellha effett, li tmur kontra d- dinjita' tal- persuna li tigi assoggettata b' dak il-mod, partikolarment meta nholoq ambjet intimitadorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv ghall- persuni assoggettati b' dak il- mod;
4) ta fastidju sesswalment lill- impjegati Moira Gauci, Abigail Azzopardi, Charmaine Schembri u Phylis Philips billi assoggettahom lill- vittmi ghal att t' intimita fizika, talab favuri sesswali lill- vittmi, assoggetta lill- vittmi ghal xi att jew kondotta bil- fomm jew gesti jew il- produzzjoni, il- wiri jew ic- cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor fejn l- att, it-t alba jew il- kondotta ma kienux mixtieqa mill- vittmi u setghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn il- vittmi; il- vittmi gew trattati b' mod idfferenti, jew seta' ragonvolment jigi anticipat li l- vittmi setghu jigu hekk trattai, bhala rizultat tat- tichid jew is- sottomissjoni taghhom ghal dak l- att, dik it- talba jew dik il- kondotta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat jahdem bhala Acting Head tal-Mtarfa Home, dar residenzjali ghall-anzjani. Sar rapport fil-konfront tieghu minn erba' haddiema li jahdmu hemm, u cioe' Moira Gauci, Abigail Azzopardi, Phyllis Philips u Charmaine Scicluna, li kien qed jaghtihom fastidju sesswali u li kien qed igieghelhom jaghtuh favuri sesswali. Dan ir-rapport sar mil-Ministeru tas-Sahha u ntbaghat lill-Pulizija biex issir l-investigazzjoni mehtiega. Hu gie investigat mil-Pulizija, ittiehdet stqarrija – fejn innega li qatt gara dak li rrappurtaw kontrih – u bdiet din il-kawza kontra tieghu.

Il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur tispjega l-investigazzjoni li ghamlet, kif irceviet ittra mill-Ministeru u kif bdiet l-investigazzjoni. Hi kellmet lill-erba' haddiema, kif ukoll lil wahda Irene Mallia, li fil-fehma tal-Pulizija ma kienetx kredibbli u ghalhekk ma ttellghetx tixhed f'din il-kawza. L-Ufficjal Prosekutur spjegat kif hadet stqarrija lill-imputat, fejn dan innega kollox. Il-Prosekuzzjoni mbaghad ipproduciet bhala xhieda lill-erba' haddiema indikati. Il-Qorti mal-ewwel tghid li x-xiehda taghhom ma kienetx kredibbli, ghalkemm kienet konsistenti. Huma dehru qed jaghtu rakkont ta' grajja li ma kienux garrbu huma stess, u dehru qed jirrepetu xi haga li semghu aktar milli dak li ghaddew minnu. Il-Qorti kellha suspett li kien hemm xi haga li mhix qed tinghad sew fix-xiehda taghhom, u kien baqa' dubju konsiderevoli kemm din kienet il-verita'.

Fl-ahhar seduta, gara li xhud minnhom, Charmaine Scicluna, biddlet il-verzjoni taghha w iddikjarat in kontro-ezami li din l-istorja kienet ivvintata, u dan wara li giet debitament imwissija mil-Qorti. Ghalhekk dan id-dubju tal-Qorti gie fil-fatt ikkonfermat. B'din il-korrezzjoni fix-xiehda taghha, Scicluna skolpat ruhha mil-possibilita' li jittiehdu passi kriminali kontra taghha ghal spergur. Ghalhekk, il-Qorti setghet tikkonkludi li din ma kienet xejn ghajr tentattiv biex issir hsara lill-imputat, ghal xi raguni li baqghet mhux maghrufa. Il-qorti fliet il-provi kollha prodotti fil-kawza, u ma tara l-ebda dell ta' htija fl-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18 u 251A tal-Kap 9;
ir-Regolament 3(5) ta' L.S 452.95, u l-Artikoklu 29 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------